**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 9 ta` Ottubru 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Gur. Nru. 289/2018JZM**

**Yolanda Vidal**

***kontra***

**Sandro Piscopo**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta` Marzu 2018 li jaqra :-

1. *Illi l-intimat huwa depitur versu l-attrici fis-somma ta` sittin elf Ewro (€60,000) rapprezentanti self brevi manu sabiex l-intimat ikun jista` jixtri u jakkwista flat gewwa n-Naxxar liema flat jappartjeni fl-interezza tieghu liz-zewg partijiet f`ishma indaqs bejniethom u dan skont skrittura privata datata 15 ta` Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) iffirmata quddiem in-Nutar John Gambin hawn esebita u annessa bhala Dok "A".*

2. *Illi ghalkemm l-intimat gie debitament interpellat anke permezz ta` ittra ufficjali datata sebgha u ghoxrin (27) ta` Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) sabiex ihallas, huwa baqa` inadempjenti.*

3. *Illi saf fejn taf ir-rikorrent, l-intimat de quo m`ghandhux eccezzjonijiet validi x`jissottometti ghat-talbiet tal-attrici.*

4. *Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut.*

*Illi ghalhekk, jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponent titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti togghobha:*

i) *Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh u dan a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

ii) *Tiddikjara lill-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta` sittin elf Ewro (€60,000) u dan rapprezentanti self sabiex l-intimat ikun jista` jixtri u jakkwista flat gewwa n-Naxxar liema flat jappartjeni fl-interezza tieghu liz-zewg partijiet f`ishma indaqs bejniethom u dan skont skrittura privata datata 15 ta` Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) iffirmata quddiem in-Nutar John Gambin oltre l-imghaxx legali.*

iii) *Tikkundanna lil intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta` sittin elf Ewro (€60,000).*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta` mandat ta` sekwestru, qbid u inibizzjoni u l-imghax legali.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ukoll id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat l-Art 169 tal-Kap 12.

**Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta` Settembru 2018, senjatament fejn iddikjarat li l-kawza kienet sejra tipprocedi bil-procedura ordinarja u mhux aktar bil-procedura sommarja specjali.**

Rat illi l-konvenut la deher ghall-udjenzi tas-27 ta` Settembru 2018 u lanqas tal-lum. Lanqas ma pprezenta jew talab li jipprezenta risposta guramentata.

Semghet id-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tal-attrici u semghet ix-xiehda bil-gurament tal-attrici fejn ikkonfermat dak dikjarat mill-avukat taghha.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**1. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attrici fl-ammont ta` sittin elf Ewro (€60,000) u dan rapprezentanti self sabiex il-konvenut ikun jista` jixtri u jakkwista flat gewwa n-Naxxar, liema flat jappartjeni fl-interezza tieghu liz-zewg partijiet f`ishma indaqs bejniethom u dan skont skrittura privata datata 15 ta` Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) iffirmata quddiem in-Nutar John Gambin.**

**2. Tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta` sittin elf Ewro (€60,000) bl-imghax legali b`effett mil-5 ta` Lulju 2017 (data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-27 ta` Gunju 2017 a fol 6 tal-process).**

**3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**